IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.2.2025
COM(2025) 51 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar in-nefqa tal-FAEG

Sistema ta' Twissija Bikrija 7-12/2024

1. TABELLA TAL-KONSUM PROVIŻORJU FIL-31/12/2024

Dan ir-rapport jippreżenta l-implimentazzjoni proviżorja tal-baġit tal-2024 għall-FAEG fil-31 ta' Diċembru 2024 u d-dettalji jinsabu fit-tabella ta' hawn taħt.

Il-livell ta' implimentazzjoni jitqabbel mal-approprjazzjonijiet korrispondenti inklużi fil-baġit tal-2024.

Sena Baġitarja 2024 [1]

KONSUM PROVIŻORJU TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-FAEG FIL-31/12/2024

f'miljuni ta' EUR

		Approprjazzjonijiet tal-Baġit [2]	Nefqa fil-15/10/2024	Tbassir tan-nefqa diretta tal-Kummissjoni sal-31/12/2024	Nefqa totali tas-sena finanzjarja 2024	Utilizzazzjoni	Differenza bejn in-nefqa u l-approprjazzjonijiet	
		Miljuni ta' EUR	Miljuni ta' EUR	Miljuni ta' EUR	Miljuni ta' EUR	%	%	Miljuni ta' EUR
		A	B	C	D=B+C	E=D/A	F=E-100%	G=D-A
	Nefqa	***40,517.3***	***40,710.0***	***98.5***	***40,808.5***	***100.7%***	***0.7%***	***291.2***
08 01	***Nefqa amministrattiva ta' appoġġ tal-cluster "Agrikoltura u Politika Marittima"***	***4.9***	***4.2***	***0.7***	***4.9***	***100.0%***	***0.0%***	***0.0***
08 01 01	**Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija**	**4.9**	**4.2**	**0.7**	**4.9**	**100.0%**	**0.0%**	**0.0**
08 02	***Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) (*)***	***40,512.4***	***40,705.9***	***97.8***	***40,803.6***	***100.7%***	***0.7%***	***291.2***
08 02 01	**Riżerva għall-agrikoltura**	**516.5**	**465.5**		**465.5**	**90.1%**	**-9.9%**	**-51.0**
08 02 02	**Tipi ta' interventi settorjali taħt il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**	**1,294.2**	**1,053.5**		**1,053.5**	**81.4%**	**-18.6%**	**-240.7**
08 02 02 01	Settur tal-frott u l-ħxejjex	335.0	413.6		413.6	123.5%	23.5%	78.6
08 02 02 02	Settur tal-prodotti tal-apikultura	60.0	52.7		52.7	87.8%	-12.2%	-7.3
08 02 02 03	Settur tal-inbid	835.0	538.2		538.2	64.5%	-35.5%	-296.8
08 02 02 04	Settur tal-ħops	2.2	2.2		2.2	100.0%	0.0%	0.0
08 02 02 05	Settur taż-żejt taż-żebbuġa u żebbuġ tal-mejda	45.0	38.8		38.8	86.2%	-13.8%	-6.2
08 02 02 06	Setturi oħra	17.0	7.9		7.9	46.7%	-53.3%	-9.1
08 02 03	**Nefqa relatata mas-suq barra mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**	**1,481.6**	**1,682.2**	**23.0**	**1,705.1**	**115.1%**	**15.1%**	**223.5**
08 02 03 01	POSEI u gżejjer minuri tal-Eġew (għajr pagamenti diretti)	226.0	228.4		228.4	101.1%	1.1%	2.4
08 02 03 02	Promozzjoni tal-prodotti agrikoli — Programmi sempliċi bil-ġestjoni kondiviża	80.7	82.9		82.9	102.7%	2.7%	2.2
08 02 03 03	Promozzjoni ta' prodotti agrikoli — Multi-programmi u azzjonijiet implimentati mill-Kummissjoni bil-ġestjoni diretta	96.9	73.9	23.0	96.9	100.0%	0.0%	0.0
08 02 03 04	Skemi tal-iskejjel	180.0	182.3		182.3	101.3%	1.3%	2.3
08 02 03 05	Żejt taż-żebbuġa	p.m.	-0.1		-0.1			
08 02 03 06	Frott u ħaxix	715.0	735.0		735.0	102.8%	2.8%	20.0
08 02 03 07	Inbid	183.0	379.7		379.7	207.5%	107.5%	196.7
08 02 03 08	Apikultura	p.m.	0.0		0.0			
08 02 03 09	Ħops	p.m.	0.0		0.0			
08 02 03 10	Miżuri ta' ħżin pubbliku jew privat	p.m.	0.0		0.0			
08 02 04	**Tipi ta' interventi b'pagamenti diretti permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**	**36,296.2**	**36,904.3**		**36,904.3**	**101.7%**	**1.7%**	**608.1**
08 02 04 01	Appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà (** p.2)	18,282.2	18,966.8		18,966.8	103.7%	3.7%	684.6
08 02 04 02	Appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà	3,917.0	4,012.4		4,012.4	102.4%	2.4%	95.4
08 02 04 03	Appoġġ komplementari għall-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ	670.0	700.9		700.9	104.6%	4.6%	30.9
08 02 04 04	Skemi għall-klima u għall-ambjent	8,698.0	8,586.8		8,586.8	98.7%	-1.3%	-111.2
08 02 04 05	Appoġġ akkoppjat għall-introjtu	4,485.0	4,412.9		4,412.9	98.4%	-1.6%	-72.1
08 02 04 06	Pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton	244.0	224.5		224.5	92.0%	-8.0%	-19.5
08 02 05	**Pagamenti diretti barra mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK *****	**444.0**	**523.0**		**523.0**	**117.8%**	**17.8%**	**79.0**
08 02 05 01	POSEI u gżejjer minuri tal-Eġew (pagamenti diretti)	444.0	441.3		441.3	99.4%	-0.6%	-2.7
08 02 05 02	Skema ta' pagament uniku skont l-erja (SPUE)	p.m.	5.1		5.1			
08 02 05 03	Pagament ridistributtiv	p.m.	0.7		0.7			
08 02 05 04	Skema ta' pagament bażiku (BPS)	p.m.	37.2		37.2			
08 02 05 05	Pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent	p.m.	25.2		25.2			
08 02 05 06	Pagament lill-bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali	p.m.	0.0		0.0			
08 02 05 07	Pagament lill-bdiewa żgħażagħ	p.m.	1.7		1.7			
08 02 05 08	Pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton	p.m.	0.6		0.6			
08 02 05 09	Skema għal appoġġ akkoppjat volontarju	p.m.	10.6		10.6			
08 02 05 10	Skema ta' bdiewa żgħar	p.m.	0.7		0.7			
08 02 06	**Strateġija ta' politika, koordinazzjoni u awditjar**	**379.4**	**76.6**	**74.8**	**151.5**	**39.9%**	**-60.1%**	**-227.9**
08 02 06 01	Korrezzjonijiet finanzjarji favur Stati Membri wara approvazzjoni tal-kontijiet u deċiżjonijiet tal-konformità mal-approvazzjoni	250.9	23.0		23.0	9.2%	-90.8%	-227.9
08 02 06 02	Solviment ta' tilwimiet	p.m.	0.0		0.0			
08 02 06 03	Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Assistenza teknika operazzjonali	128.5	53.7	74.8	128.5	100.0%	0.0%	0.0
08 02 99	**Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti *****	**100.5**	**0.7**		**0.7**	**0.7%**	**-99.3%**	**-99.8**

[1] Sena finanzjarja = mis-16/10/2023 sal-15/10/2024 iżda n-nefqa b'ġestjoni diretta tal-Kummissjoni hija possibbli sal-31/12/2024.

[2] Jikkonċerna l-approprjazzjonijiet ta' impenn.

*** Il-Baġit akkumulat ta' 08 02 05 02 - 08 02 05 10 huwa previst taħt il-partita tal-baġit 08 02 99. Imbagħad dan jiġi ttrasferit kull xahar biex tiġi koperta n-nefqa meħtieġa fil-partiti tal-baġit taħt 08 02 05.

		Approprjazzjonijiet tal-Baġit [2]	Nefqa/Dħul assenjat fil-15/10/2024	Utilizzazzjoni	Profil tal-konsum f'Ottubru		Differenza bejn l-implimentazzjoni u l-profil	
		Miljuni ta' EUR	Miljuni ta' EUR	%	%	Miljuni ta' EUR	%	Miljuni ta' EUR
		A	B	C=B/A	D	E=D*A	F=C-D	G=B-E
	(*) Riżerva għall-agrikoltura inkluż it-EUR 315,5 miljun riportati mis-sena finanzjarja 2023:							
08 02 01	Riżerva għall-agrikoltura - inkluż ir-riport mis-sena finanzjarja preċedenti	832.0	465.5	56.0%				
	(**) Biss għal informazzjoni: nefqa mqabbla mal-approprjazzjonijiet oriġinali u d-dħul assenjat							
08 02 04 01	Appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà - inkluż id-dħul assenjat	19,022.0	18,966.8	99.7%	100.0%	19,022.0	-0.3%	-55.2
	Dħul Assenjat	***739.8***	***896.5***	***121.2%***				
6 2 0 0 ****	Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija — dħul assenjat stmat li jrid jiġabar fis-sena finanzjarja	400.0	556.2	139.1%				
	Dħul assenjat riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	339.8	340.3	100.1%				

[1] Sena finanzjarja = mis-16/10/2023 sal-15/10/2024 iżda n-nefqa b'ġestjoni diretta tal-Kummissjoni hija possibbli sal-31/12/2024.

[2] Jikkonċerna l-approprjazzjonijiet ta' impenn.

**** Dħul assenjat lill-Appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà, biex titnaqqas il-ħtieġa għall-approprjazzjonijiet tal-baġit.

2. KUMMENTI DWAR IR-RIŻERVA GĦALL-AGRIKOLTURA TAL-2024

Fl-2024, ir-riżerva għall-agrikoltura ammontat għal EUR 832 miljun, inkluż riport ta' EUR 315,5 miljun mill-Baġit tal-2023. Ġew adottati ħames miżuri, li jammontaw għal EUR 295 miljun[1]. Għat-tielet u r-raba' miżuri, l-ebda ammont ma ġie ddikjarat mill-Istati Membri fis-sena finanzjarja 2024, u l-aħħar (il-ħames) miżura ġiet adottata fi tmiem is-sena finanzjarja. B'riżultat ta' dan, dawn il-miżuri, li jammontaw għal EUR 196,7 miljun, se jiġu eskluživament iffinanzjati taħt ir-riżerva għall-agrikoltura tal-2025.

Fil-Baġit tal-2024 ġew iddikjarati pagamenti b'total ta' EUR 465,5 miljun. L-approprjazzjonijiet ta' EUR 366,5 miljun li fadal, se jiġu riportati għall-Baġit tal-2025.

[1] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2820 tal-15 ta' Diċembru 2023 li jipprevedi appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għas-setturi agrikoli milquta minn diżastri naturali fil-Greċja u fis-Slovenja, (ĠU L, 2023/2820, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2820/oj);
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/453 tal-5 ta' Frar 2024 dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq għas-setturi tal-bajd u tal-laħam tal-pollam fl-Italja (ĠU L, 2024/453, 6.2.2024,
ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/453/oj);
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1995 tad-19 ta' Lulju 2024 dwar miżura eċċezzjonali temporanja ta' distillazzjoni ta' kriżi biex jiġi indirizzat id-disturb fis-suq fis-settur tal-inbid fil-Portugall fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2024/2025, (ĠU L, 2024/1995, 22.7.2024,
ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1995/oj);
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2030 tat-23 ta' Lulju 2024 li jipprevedi appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għas-settur tal-frott u l-ħxejjex u għas-settur tal-inbid affettwati minn avvenimenti klimatiċi avversi fl-Awstrija, fiċ-Ċekja u fil-Polonja, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L, 2024/2030, 24.7.2024,
ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2030/oj);
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2675 tal-10 ta' Ottubru 2024 li jipprevedi appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għas-setturi agrikoli affettwati minn avvenimenti klimatiċi avversi fil-Bulgarija, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fl-Italja u fir-Rumanija, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(ĠU L, 2024/2675, 10.10.2024,
ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2675/oj).

3. KUMMENTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI PROVIŻORJA TAL-BAĠIT TAL-FAEG TAL-2024

L-implimentazzjoni finali tat-tipi ta' interventi settorjali taħt il-pjanijiet tal-PAK (08 02 02) hija inqas minn dik ibbaġitjata (-18,6 punt %) iżda tjiebet b'mod sinifikanti meta mqabbla mas-sena finanzjarja preċedenti (-78,7 punt % fi tmiem l-2023).

Is-sottoimplimentazzjoni settorjali tirrifletti fost l-oħrajn il-bżonn ta' żmien għall-Istati Membri biex jadattaw għall-politika fis-seħħ mill-2023, għall-akkumulazzjoni ta' kriżijiet fl-aħħar snin, kif ukoll għax-xejriet tad-domanda li qed jinbidlu (fis-swieq interni u esterni).

Għall-kuntrarju, in-Nefqa relatata mas-suq barra mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK (08 02 03) hija ogħla minn dik ibbaġitjata (15,1 punt %), u tikkumpensa fil-biċċa l-kbira s-sottoimplimentazzjoni taħt il-pjanijiet tal-PAK.

Minkejja li s-sena 2024 kienet l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-interventi ġodda ta' pagamenti diretti taħt il-pjanijiet tal-PAK, dawn l-iskemi juru implimentazzjoni eċċellenti, qrib ħafna tal-ammont ibbaġitjat (99,6 punt perċentwali tal-approprjazzjonijiet ibbaġitjati u d-dħul assenjat).

In-nefqa proviżorja tal-baġit tal-FAEG għall-2024, inkluż l-azzjonijiet stmati u implimentati bis-sħiħ b'ġestjoni diretta mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2024, twassal għal sovraeżekuzzjoni ta' EUR 291,2 miljun (0,7 %) meta mqabbla mal-approprjazzjonijiet ivvotati tal-baġit. Meta jitqies id-dħul assenjat disponibbli ta' EUR 896,5 miljun kif ukoll ir-riport ta' EUR 315,5 miljun għar-riżerva għall-agrikoltura, is-sottoimplimentazzjoni totali tal-FAEG tammonta għal EUR 920,9 miljun.

Dan is-surplus ġenerali tal-FAEG jinkludi EUR 366,5 miljun mir-riżerva għall-agrikoltura, li f'konformità mal-Artikolu 16(2), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/2116 se jiġi riportat għar-riżerva għall-agrikoltura tal-2025.

Is-surplus li fadal ta' EUR 554,4 miljun jissarraf fi dħul addizzjonali assenjat lill-FAEG (C4) li għandu jiġi riportat mill-2024 għall-2025, u b'hekk jonqos l-ammont ta' approprjazzjonijiet meħtieġa fil-Baġit tal-2025.